Minuti tal-wieħed u erbgħin (41) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita l-Ħamis 2 ta' Frar 2011 fil-5.45pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Karl Vella

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

Il-Kunsillier Victor Cefai daħal fil-kamra fil-5.50pm.

Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li meta tkun ħa tissejjaħ laqgħa b'urgenza minbarra li jibgħat l-Agenda, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jċempel lill-Kunsilliera sabiex jinfurmhom. Il-membri preżenti qablu.

## *2. PERFORMANCE BONUS*

Is-Sindku beda billi qal li kellha tissejjaħ laqgħa ta' urġenza peress li fil-laqgħa preċedenti l-*appraisal form* ma ġietx moqrija.

Il-Viċi Sindku, Anthony Borg, daħal fil-kamra fil-5.55pm

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qara l-*appraisal form*. Wara l-*appraisal form* bdiet tiġi diskussa bejn is-Sindku, il-Kunsillieri preżenti u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mlew din il-formula, fejn kif maqbul fil-laqgħa preċedenti, ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata 9% *bonus*.


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Fis-6.05pm il-Viċi Sindku talab li jiġi skużat minħabba li kellu mpenji oħra, filwaqt li l-Kunsillier Victor Cefai talab li jiġi skużat minħabba emergenza.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħaddi din il-formula lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi kkonfermat dan il-*bonus*.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.10pm.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt